MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2012

Talba Numru. 394/2011

**Blue Skink Ltd (C-43975)**

**vs**

**William Bugeja ID 595663M**

**It-Tribunal,**

**Ra** li f'dan l-AVVIZ is-socjeta' attrici qed titlob li l-konvenut jigi kundannat ihallasha elf, tlett mija, tnejn u ghoxrin Ewro tmienja u sittin centezmi (€1,322.68c) bilanc dovut ghal servizz ta' *marketing* skond zewg fatturi datati 18 ta' Mejju 2009 u 1 ta' Lulju 2009. Bl-imghaxijiet u spejjes.

**Ra** r-RISPOSTA li l-ammont pretiz mhux dovut stante li l-attur qatt ma gie nkarigat mill-konvenut sabiex jaghmel servizz ta' *marketing*.

II PROVI

1. **<u>Jonathan Muscat</u>**, xehed li hu direttur tas-socjeta' attrici li hi *marketing agency*. F'April 2009 mar f'dar il-konvenut u dan qallu li kellu bzonn jaghmel *company profile* u fil-ktieb (bl-Ingliz u tradott ghall-Gharbi) jinkludi l-istorja, ritratti ecc dwar il-kumpanija. Ix-xhud qal li l-konvenut ma kellu ebda ritratti jew informazjoni li setghu jigu utilizzati. Ghalhekk kollox ried isir mis-socjeta' attrici.

2. Ix-xhud zied:-

Dak li ghamilna ahna hu li ghamilna *branding* tal-kumpanija, imbaghad b'din l-informazzjoni ghamilna *printed corporate profile* kif ukoll verzjoni fuq id-DVD. Giet imsemmija wkoll *website* imma din ma sehhitx.
Il-klijent talab ix-xoghol malajr u x-xoghol tlesta fi zmien xahar.

3. Kien raga ltaqa mal-konvenut f'dar f'Tas-Sliema fejn kien hemm xihadd mil-Libja u din qalet lix-xhud li kellha bzonn aktar minn dak li kien hemm fuq il-*company profile*. Specifikatament ried hafna riferenzi daparti ta' Periti u persuni ohra u hafna ritratti "ghax il-Libja dawn l-affarijiet jghinu hafna".

4. X'hin spicca l-meeting il-konvenut qallu li l-Periti u l-banek kien ser jiehu hsiebhom hu izda dwar ritratti kellu jara x-xhud. B'arrangament mal-konvenut saru hafna *photo shoot* ta' postijiet li l-konvenut kien ga hadem – xoghol ta' kostruzzjoni, thammil u affarijiet simili.

5. Tah il-*photo shoot* u hareg zewg *invoices* – wahda tal-bicca xoghol originali u l-ohra tal-*photo shoot.* Dawn huma Dok VS1 u VS2 u minnhom ma thallas xejn.

III KONSIDERAZZJONIJIET

It-TRIBUNAL iqis hekk:-

1. Hawn ghandna versjoni wahda: dik tas-socjeta' attrici. Dan ghax il-konvenut kemm irrisponda, *sic et simpliciter,* li ma kellu jati xejn ghax qatt ma nkariga lill-konvenut jaghmel servizz ta' *marketing*. Bla ebda

konferma guramentata minn naha tal-konvenut minkejja li kellu kull opportunita li jaghmel dan.

2. B'danakollu, it-TRIBUNAL ma jistax jieqaf hawn. Is-socjeta' attrici xorta trid taghmel il-**prova** taghha.

3. Fil-fehma tat-TRIBUNAL is-socjeta' attrici dan id-dover qdietu permezz tax-xhieda soddisfacenti u konvincenti tad-direttur Jonathan Muscat.

IV DECIZJONI

It-TRIBUNAL ghalhekk jiddeciedi billi (1) **jichad** l-eccezzjoni tal-konvenut (2) **jilqa** t-talba attrici u jghaddi biex jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici il-*quantum* ta' elf, mitejn u ghaxar Ewro tmienja u sittin centezmi (€1,210.68c) u il-*quantum* ta' mija u tnax-il Ewro u ghaxar centezmi (€112.10c) bl-imghax dekorribbli mit-18 ta' Mejju 2009 u l1 ta' Lulju rispettivament sal-jum tal-pagament effettiv u (3) **jikkundanna** lill-konvenut ihallas l-ispejjes ta' din il-kawza u tal-ittra ufficjali tal-25 ta' Awwissu 2010 numru 2601/10 imsemmija fl-AVVIZ.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------